MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 230/2009

**Orazio Cassar Laudi**

**-vs-**

**Raymond Spiteri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi huwa jikri garaxx bin-numru 3, *basement level*, formanti parti minn "Jo Jab Garages" li jinsabu fi Triq Joe Sciberras, Ħamrun, lill-intimat versu l-kera ta' mitejn u wieħed u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€291.17) kull sitt xhur pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem;

2. Illi l-intimat huwa moruż f'żewġ skadenzi ta' kera, u ċioe' dawk tal-perjodu bejn is-sittax (16) ta' Lulju

2008 u l-ħmistax (15) ta’ Jannar 2009 u l-perjodu bejn is-sittax (16) ta’ Jannar 2009 u l-ħmistax (15) ta’ Lulju 2009, liema kirjiet kellhom jitħallsu bil-quddiem;

3. Illi minkejja diversi interpellanzi u partikolarment dawk datati sitta (6) ta’ Novembru 2008 u sittax (16) ta’ Jannar 2009, li kopji tagħhom qiegħdin jiġu hawn esebiti u mmarkati bħala Dok. A u Dok. B rispettivament, l-intimat baqa’ inadempjenti.

4. Illi l-attur jaf bil-fatti fuq imsemmija *di scientia propria* u fil-fehma tal-istess attur, dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimat m’għandux eċċezzjonijiet xi jressaq f’din il-kawża, li għalhekk għandha tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandiex:

1. Taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lill-intimat jiżgombra mill-imsemmi garaxx bin-numru 3, *basement level*, formanti parti minn “Jo Jab Garages” li jinsabu fi Triq Joe Sciberras, Ħamrun, fuq imsemmi.

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent s-somma ta’ ħames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€582.34) għal żewġ skadenzi ta’ kera tal-istess fond fuq imsemmi, u ċioe’ għall-iskadenzi ta’ bejn il-perjodu bejn is-sittax (16) ta’ Lulju 2008 u l-ħmistax (15) ta’ Jannar 2009 u dak il-perjodu ta’ bejn is-sittax (16) ta’ Jannar 2009 u l-ħmistax (15) ta’ Lulju 2009.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tas-sitta (6) ta’ Novembru 2008 u tas-sittax (16) ta’ Jannar 2009 u bl-imgħax legali mis-sbatax (17) ta’ Lulju 2008 kontra l-

intimat li huwa minn issa nġunt sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Mejju 2009 li permezz tiegħu ġie dikjarat li l-konvenut irrilaxxa ċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni lill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza, wara li l-attur informa lill-Qorti li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess mis-seduta preċedenti.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti billi t-talba attriċi tirriżulta ġustifikata, tilqa’ t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------